VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,798, 8 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 172 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) SPA – taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) SPA - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity – B.Sc. (Hons) SPA - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, ippubblikati bħala Avviż Legali 191 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (5) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-applikanti kollha għandhom:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) jippreżentaw ċertifikat dwar il-kundizzjoni medika, skont il-formola preskritta pprovduta mill-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, li għandu jsir mhux qabel xahrejn minn meta jissottomettu l-applikazzjoni;

(b) jippreżentaw Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija; u

(ċ) jippreżentaw *portfolio* li juri l-interess u l-impenn għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport."

Iż-Żieda tal-ordinament 4 mal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 4 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"4. (1) Il-Bord jista' jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' studenti li għandhom jitħallew jirreġistraw għall-Kors *full-time*, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Meta l-għadd ta' applikanti li jistgħu jidħlu għall-Kors full-time jkun limitat skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, u l-għadd tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, il-Bord għandu l-ewwel jikklassifika lill-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) il-kwalifiki akkademiċi; u
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

(3) Il-kandidati li li jaqgħu fi ħdan l-għadd limitat flimkien mal-25% li jmiss (tan-numru limitat ta' studenti) għandhom jissejħu għal intervista. Il-klassifikazzjoni finali għandha ssir fuq it-total tal-punteġġi miksuba fl-ewwel klassifika kif ukoll fuq il-marka miksuba għall-intervista.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

(5) Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom ġew miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel. Jekk ikun għad hemm postijiet disponibbli, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki neċessarji kollha wara l-31 ta' Awwissu u qabel it-30 ta' Settembru, għandhom ikunu kkunsidrati għall-milital-postijiet li jibqgħu."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 4 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 4 sa 10 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 5 sa 11.